MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 474/2005

**Avviz numru 474/05DM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**David Ruggier (ID 369567 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank attur talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u erbgha u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,634.37) bilanc ghad-debitu fil-*Current Account* ta' David Ruggier mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 ta' Awissu, 2005, sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Ottubru, 2004, (Dok. B) u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie

pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat deher fis-seduta tal-lum u ammetta t-talba ta' l-atturi kif dedotta fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata.

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, sitt mija u erbgha u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,634.37) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-16 ta' Awissu, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------